

**Linji gwida dwar is-superviżjoni ta'
fergħat ta' impriżi tal-assigurazzjoni ta'
pajjiżi terzi**

Introduzzjoni

- 1.1 Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) ħarġet dawn il-Linji gwida dwar is-superviżjoni ta' fergħat ta' impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiżi terzi (il-'Linji gwida').
- 1.2 Dawn il-Linji gwida jirrigwardaw l-Artikoli 162 sa 171 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- 1.3 L-għan ta' dawn il-Linji gwida huwa li jassiguraw protezzjoni konsistenti, effiċjenti u effettiva tad-detenturi ta' polza fi ħdan l-Unjoni Ewropea (l-'UE'). B'mod partikolari, il-Linji gwida għandhom l-għan li jassiguraw, bħala minimu, l-istess livell ta' protezzjoni tad-detenturi ta' polza ta' fergħa ta' impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz (il-'fergħa') bħal dik li jgawdu meta jkunu qegħdin jittrattaw ma' impriża tal-assigurazzjoni li tinsab fl-UE, sew jekk fl-Istat Membru domestiku tagħha kif ukoll permezz ta' fergħa skont id-Direttiva 2009/138/KE.
- 1.4 Dawn il-Linji gwida jippermettu metodi ta' superviżjoni alternattivament proporzjonati biex jiproteġu lid-detenturi ta' polza ta' fergħa fil-kuntest tal-valwazzjoni, il-fondi proprji u s-sottomissjoni ta' informazzjoni skont id-Direttiva 2009/138/KE.
- 1.5 Skont l-Artikolu 162 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji gwida jkopri biss fergħat ta' impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiżi terzi, li jwettqu negozju dirett tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja.
- 1.6 Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji gwida jkopri wkoll fergħat, li jkunu soġġetti għal superviżjoni ekwivalenti jew mhux ekwivalenti, kif previst fid-Direttiva 2009/138/KE. Minkejja dan, l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jikkunsidraw deċiżjonijiet speċifiċi ta' ekwivalenza, li jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tas-solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni sħiħa tal-pajjiż terz, inkluża l-fergħa tagħha.
- 1.7 Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji gwida ma jkoprix impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz li jkunu qegħdin jibdew, jew li jkunu awtorizzati sabiex jibdew, negozju tar-riassigurazzjoni biss permezz ta' fergħa tal-UE anki jekk l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz twettaq negozju dirett tal-assigurazzjoni permezz tal-uffiċċju prinċipali tagħha jew fergħat barra mill-UE.
- 1.8 Għar-rappurtar fir-rigward ta' fergħa, dawn il-Linji gwida jirreferu għall-formoli u l-log fajls stabbiliti fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48)

² Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1)

rigward tal-formoli għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif approvati mill-Kummissjoni Ewropea (minn hawnhekk 'il quddiem l-'Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni').

- 1.9 Fejn il-formoli tar-rappurtar dwar il-fergħat ikunu differenti mill-formoli previsti fl-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, formola speċifika u fajl bl-istruzzjonijiet rispettivi huma msemmija fl-Annessi Tekniċi III u IV għal dawn il-Linji gwida.
- 1.10 Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, ir-referenzi kollha għall-kodiċi tal-formoli u l-istruzzjonijiet jirreferu għall-formoli jew struzzjonijiet bl-istess referenzi tal-kodiċi, kif stabbilit fl-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni.
- 1.11 Dawn il-Linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt id-Direttiva 2009/138/KE.
- 1.12 Dawn il-Linji gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.
- 1.13 Il-Linji gwida dwar ir-Rappurtar u d-Divulgazzjoni Pubblika (EIOPA-BoS-15/109)³ maħruġa mill-EIOPA japplikaw ukoll fir-rigward ta' fergħa kif indikat f'dawk il-Linji gwida.
- 1.14 Għall-finijiet ta' dawn il-Linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - a) "operazzjonijiet tal-fergħa" tfisser l-operazzjonijiet li jsiru minn fergħa skont l-awtorizzazzjoni tagħha skont id-Direttiva 2009/138/KE.
 - b) "assi tal-fergħa" tfisser l-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz li jkunu attribwiti lill-operazzjonijiet ta' fergħa, eskluż kwalunkwe ammont nozzjonali tal-ktieb dovut mill-operazzjonijiet mhux tal-fergħa tal-impriża lill-operazzjonijiet tal-fergħa tal-impriża u li jkunu disponibbli mal-istralċ tal-impriża sabiex jitħallsu l-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni tad-detenturi ta' polza tal-fergħa skont il-Linja gwida 26.
 - c) "obbligazzjonijiet tal-fergħa" tfisser il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tal-fergħa, il-pretensjonijiet preferenzjali tal-fergħa u l-pretensjonijiet assigurati fuq l-assi tal-fergħa.
 - d) "fondi proprji tal-fergħa" tfisser it-total tal-fondi proprji bażiċi tal-fergħa u l-fondi proprji anċillari tal-fergħa.
 - e) "fondi proprji bażiċi tal-fergħa" tfisser l-eċċess ta' assi tal-fergħa fuq l-obbligazzjonijiet tal-fergħa.
 - f) "fondi proprji anċillari tal-fergħa" tfisser entrati, li jistgħu jiġu msejja fi ħdan proċedimenti ta' stralċ fir-rigward tal-impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz sabiex jitħallsu l-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni fir-rigward

³ <https://eiopa.europa.eu/Pages/Consultations/Public-consultation-on-the-Set-2-of-the-Solvency-II-Implementing-Technical-Standards-%28ITS%29-and-Guidelines.aspx>

tad-detenturi ta' polza tal-fergħa skont il-Linja gwida 26 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 89 u 90 tad-Direttiva 2009/138/KE.

- g) "karta bilanċjali tal-fergħa" tfisser karta bilanċjali li turi assi tal-fergħa u obligazzjonijiet tal-fergħa li jikkonformaw mal-prinċipji ta' rikonoxximent u valwazzjoni skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE.
- h) "RKS *tal-fergħa*" tfisser ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (RKS) ibbażat fuq il-karta bilanċjali tal-fergħa u l-kejljiet tal-volum kif speċifikati fid-Direttiva 2009/138/KE li jirrigwardaw il-karta bilanċjali tal-fergħa.
- i) "RKM *tal-fergħa*" tfisser ir-Rekwiżit Kapitali Minimu (RKM) li huwa bbażat fuq il-karta bilanċjali tal-fergħa u l-kejljiet tal-volum kif speċifikati fid-Direttiva 2009/138/KE li jirrigwardaw il-karta bilanċjali tal-fergħa.
- j) "detentur ta' polza tal-fergħa" tfisser detentur ta' polza li l-polza tiegħu tkun effettwata mill-fergħa. Din id-definizzjoni tinkludi, iżda mhijiex limitata għal detenturi ta' polza u benefiċjarji li jkollhom pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tal-fergħa.
- k) "pretensjoni tal-assigurazzjoni" tfisser pretensjonijiet tad-detenturi ta' polza tal-fergħa fis-sens tal-Artikolu 268(g) tad-Direttiva 2009/138/KE.
- l) "post tal-pretensjoni tal-assigurazzjoni" tfisser il-post jew tal-benefiċjarju (inklużi d-detenturi ta' polza), ir-riskju assigurat jew il-kuntratt iffirmit mal-impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz (inkluż jekk in-negożju sarx permezz tal-fergħa jew permezz tal-uffiċċju prinċipali tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz).
- m) "pretensjoni tal-assigurazzjoni tal-fergħa" tfisser pretensjoni tal-assigurazzjoni li tirrigwarda d-detenturi ta' polza tal-fergħa.
- n) "pretensjonijiet preferenzjali tal-fergħa" tfisser kwalunkwe pretensjoni li ma' stralċ tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tiġi qabel pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tal-fergħa li jkunu:
 - pretensjonijiet ta' impjegati ta' operazzjonijiet tal-fergħa li jirriżultaw minn kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet tax-xogħol, pretensjonijiet minn korpi pubbliċi fuq taxxi dovuti fir-rigward ta' operazzjonijiet tal-fergħa,
 - pretensjonijiet mis-sistemi tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' operazzjonijiet tal-fergħa, jew
 - pretensjonijiet fuq assi tal-fergħa soġġetti għal drittijiet in rem.
- o) "awtorità superviżorja ospitanti" tfisser l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa u fejn iseħħu l-operazzjonijiet tagħha.
- p) "awtorità superviżorja domestika" tfisser l-awtorità superviżorja tal-pajjiż, li tkun awtorizzata lill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz biex twettaq negożju tal-assigurazzjoni u fejn l-impriża jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha;

q) "munita tar-rappurtar" hija l-munita tal-pajjiż tal-awtorità superviżorja li tirċievi l-informazzjoni tar-rappurtar, sakemm ma jkunx permess mod ieħor minn din l-awtorità superviżorja;

1.15 Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji gwida, it-termini jkollhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmijin fl-introduzzjoni.

Awtorizzazzjoni ta' fergħa ta' impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz

Linja gwida 1 - Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jew tkomplija tal-awtorizzazzjoni

1.16 Meta jawtorizzaw jew ikomplu l-awtorizzazzjoni ta' fergħa, l-awtoritajiet superviżorji ospitanti għandhom ikunu sodisfatti li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz rilevanti jkollha marġni ta' solvenza adegwat u tintrabat li tipprovi kwalunkwe informazzjoni li l-awtorità superviżorja ospitanti tista' tkun teħtieġ għal skopijiet superviżorji u li turi li l-impriża sħiħa jkollha marġni ta' solvenza adegwat skont ir-regoli tal-ġurisdizzjoni domestika u li l-awtorità superviżorja domestika tikkonferma li dawk ir-regoli jkunu ssodisfatti.

1.17 L-awtoritajiet superviżorji ospitanti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-marġni ta' solvenza tal-impriża sħiħa abbażi tar-rekwiżiti prudenzjali tal-awtorità superviżorja domestika, inkluż billi jfittxu informazzjoni addizzjonali fejn ikun meħtieġ.

Linja gwida 2 – Skema tal-operazzjonijiet u l-marġni ta' solvenza

1.18 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li fl-iskema tal-operazzjonijiet tal-fergħa tagħha, l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tinkludi analiżi tad-differenzi bejn ir-regoli tas-solvenza tal-pajjiż domestiku u r-regoli tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluża spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw tali differenzi.

Linja gwida 3 – Distribuzzjoni tal-assi tal-fergħa

1.19 Meta tkun qiegħda tistabbilixxi jekk impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz ikollhiex marġni ta' solvenza adegwat, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tikkunsidra:

- a) l-assi tal-fergħa li jifdal wara li jitħallsu l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tad-detenturi ta' polza tal-fergħa li jiġu distribwiti għal pretensjonijiet oħra tad-detenturi ta' polza tal-fergħa; u
- b) l-ammont aggregat ta' pretensjonijiet li bħala prijorità jiġu qabel, jew ikunu daqs, il-pretensjonijiet tad-detenturi ta' polza tal-fergħa.

Linja gwida 4 – Analiżi rigward id-distribuzzjoni tal-assi tal-fergħa

1.20 Għall-iskop tal-Linja gwida 6, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tikseb analiżi dwar l-operat legali u prattiku tar-reġim ta' falliment tal-ġurisdizzjoni domestika; il-prijorità mogħtija lid-detenturi ta' polza tal-fergħa

u ta' detenturi oħra ta' polza tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz fil-proċedimenti ta' stralċ; u kif l-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz jiġu distribwiti lil dawk id-detenturi ta' polza.

- 1.21 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha, safejn jippermettu r-rekwiżiti applikabbli ta' kunfidenzjalità, tagħmel l-analiżi miksuba disponibbli għall-EIOPA. L-EIOPA tista' tiddeċiedi li tagħmel l-analiżi disponibbli għal awtoritajiet superviżorji oħra skont ir-reġim tagħha ta' kunfidenzjalità u fuq bażi tal-ħtieġa ta' tagħrif.
- 1.22 Fejn ir-reġim ta' falliment tal-ġurisdizzjoni domestika ma jipprovdiq mill-anqas l-istess livell ta' protezzjoni tad-detenturi ta' polza fi proċedimenti ta' stralċ bħal skont id-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tikseb mill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz rilevanti analiżi rigward id-distribuzzjoni tal-assi tal-fergħa skont: ir-reġim ta' falliment tal-ġurisdizzjoni domestika fir-rigward ta' dik l-impriża; ir-reġim tal-Istat Membru fejn tkun awtorizzata l-fergħa (fejn jistgħu jinfetħu proċedimenti separati fir-rigward tal-fergħa); jew iċ-ċirkustanzi tad-distribuzzjoni meta l-proċeduri ta' stralċ jinbdew kemm fil-ġurisdizzjoni domestika kif ukoll fl-Istat Membru ospitanti fejn tkun stabbilita l-fergħa.
- 1.23 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-analiżijiet kollha jiġu pprovduti minn persuni kwalifikati b'mod xieraq sabiex jagħtu parir dwar il-liġijiet u l-prattiki tal-ġurisdizzjoni kkonċernata.

Linja gwida 5 - Stabbiliment tal-obbligazzjonijiet tal-fergħa

- 1.24 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tal-fergħa inklużi fl-obbligazzjonijiet tal-fergħa jinkludu dispożizzjonijiet tekniċi, kif definiti fl-Artikolu 77 tad-Direttiva 2009/138/KE, assoċjati biss ma' dawk il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tal-fergħa.

Linja gwida 6 - Stabbiliment tal-assi tal-fergħa

- 1.25 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz, fil-karta bilanċjali tal-fergħa tinkludi biss l-assi li jkunu disponibbli skont il-kriterji ta' hawn taħt:
 - a) assi li jiġu distribwiti skont l-Artikolu 275(1)(a) jew (b) tad-Direttiva 2009/138/KE fuq bażi li ma tiddefferenzjajx bejn il-pretensjonijiet skont il-post tal-pretensjoni;
 - b) assi li jiġu distribwiti sabiex jitħallsu pretensjonijiet preferenzjali tal-fergħa u pretensjonijiet tal-assigurazzjoni ta' detenturi ta' polza tal-fergħa qabel il-pretensjonijiet l-oħra kollha.
- 1.26 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li meta tissottometti informazzjoni dwar il-karta bilanċjali tal-fergħa, il-fondi proprji u l-RKS tal-fergħa, l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tinkludi biss l-assi li jkunu disponibbli għad-distribuzzjoni mal-istralċ tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz sabiex jithallasu l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tad-detenturi ta' polza tal-fergħa.

1.27 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li meta tissottometti l-informazzjoni dwar il-karta bilanċjali tal-fergħa, l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz turi l-assi disponibbli qabel ma jitnaqqsu l-pretensjonijiet preferenzjali tal-fergħa u kwalunkwe interess ta' garanzija preċedenti u tirrapporta l-ammont nett ta' assi disponibbli tal-fergħa u t-tnaqqis tal-pretensjonijiet preferenzjali tal-fergħa u l-interessi ta' garanzija preċedenti fuq il-formola S.02.03.07 fejn tispesjifika informazzjoni addizzjonali dwar il-karta bilanċjali tal-fergħa, kif stabbilit fl-Anness III għal dawn il-Linji gwida.

Setgħat superviżorji u komunikazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji oħra

Linja gwida 7 – Setgħat superviżorji ġenerali

1.28 Għas-superviżjoni tal-operazzjonijiet ta' fergħa, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha teżerċita, fejn ikun xieraq, is-setgħat superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE, b'mod partikolari l-Artikoli 34, 35, 36, 37, 84, 85, 110, 118 u 119 tagħha, sal-istess punt li jeżerċitaw dawk is-setgħat għas-superviżjoni ta' impriżi tal-assigurazzjoni b'uffiċċju prinċipali fi ħdan l-Unjoni.

Linja gwida 8 – Valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-fergħa bħala parti mill-proċess ta' rieżami superviżorju

1.29 Meta tkun qiegħda tivvaluta l-adegwatezza tal-pożizzjoni finanzjarja tal-fergħa bħala parti mill-proċess ta' rieżami superviżorju, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tikkunsidra r-riskju li l-pretensjonijiet tad-detenturi ta' polza tal-fergħa jistgħu jiġu dilwiti minn pretensjonijiet mhux tal-fergħa.

Linja gwida 9 – Għoti ta' vantaġġi, inklużi deċiżjonijiet konġunti skont l-Artikolu 167(3) tad-Direttiva 2009/138/KE

1.30 Fejn impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz awtorizzata f'aktar minn Stat Membru wieħed tkun applikat għall-vantaġġi stabbiliti fl-Artikolu 167 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji ospitanti kkonċernati għandhom jiddiskutu jekk il-kundizzjonijiet fil-Linja gwida 1 jkunux ġew issodisfati qabel ma jiddeċiedu li jagħtu dawk il-vantaġġi lil dik l-impriża.

Linja gwida 10 – Notifika lill-EIOPA dwar deċiżjonijiet konġunti fir-rigward tal-Artikolu 167 tad-Direttiva 2009/138/KE

1.31 Meta impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz awtorizzata f'aktar minn Stat Membru wieħed tapplika għal xi wieħed mill-vantaġġi skont l-Artikolu 167 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja rilevanti għandha tinnotifika lill-EIOPA dwar id-deċiżjoni meħuda skont dak l-artikolu u jekk hija tqisx li l-kundizzjonijiet fil-Linja gwida 1 jkunux ġew issodisfati.

Linja gwida 11 – Notifika lill-awtoritajiet superviżorji ospitanti dwar fejn jinsabu l-fergħat

1.32 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz tinfirmaha fuq bażi kontinwa dwar il-post tal-

fergħat li dik l-impriża tkun stabbiliet jew li jkun beħsiebha tistabbilixxi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Linja gwida 12 – Karta bilanċjali unika skont l-Artikolu 167 tad-Direttiva 2009/138/KE

1.33 Fejn jingħata xi wieħed mill-vantaġġi stabbiliti fl-Artikolu 167(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja ospitanti li trid tissorvelja l-fergħa kollha stabbiliti fi ħdan l-Unjoni għandha tassigura li titfassal karta bilanċjali unika tal-fergħa mill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz fir-rigward tal-operazzjonijiet kollha tal-fergħat esegwiti fi ħdan l-Unjoni u li jistgħu, fid-diskrezzjoni tal-impriża, jeliminaw kwalunkwe tranżazzjoni intrafergħa.

Linja gwida 13 – Irtirar tal-vantaġġi

1.34 L-awtoritajiet superviżorji ospitanti, li jirtiraw il-vantaġġi mogħtija skont l-Artikolu 167(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, għandhom jinfurmaw fil-pront lill-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri l-oħra li fihom topera l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz, dwar l-irtirar tal-vantaġġi.

Linja gwida 14 - Proċess ta' rieżami superviżorju

1.35 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-operazzjonijiet tal-fergħa jkunu soġġetti għal rieżami u evalwazzjoni bħala parti mill-proċess ta' rieżami superviżorju stabbilit fl-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Linja gwida 15 – Kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji taħt il-proċess ta' rieżami superviżorju

1.36 Fejn l-awtoritajiet superviżorji ospitanti jkunu taw il-vantaġġi msemmiya fl-Artikolu 167(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, huma għandhom jistabbilixxu proċess ta' komunikazzjoni f'konformità ma' dak deskritt fil-Linji gwida dwar il-Proċess ta' Rieżami Superviżorju (EIOPA-BoS-14/179)⁴.

1.37 Fejn l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz ikollha fergħat awtorizzati f'aktar minn Stat Membru wieħed iżda ma tkun applikat għall-ebda wieħed mill-vantaġġi skont l-Artikolu 167(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati għandhom jaqblu dwar kif jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni skont il-Linji gwida dwar il-Proċess ta' Rieżami Superviżorju (EIOPA-BoS-14/179).

Linja gwida 16 - Komunikazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji oħra

1.38 Meta awtorità superviżorja ospitanti ssir taf b'informazzjoni li tista' timmina l-pożizzjoni tal-kredituri tal-assigurazzjoni ta' fergħa jew id-disponibbiltà ta' fondi proprji tal-fergħa, hija għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lil kwalunkwe awtorità superviżorja ospitanti oħra fejn l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tkun irċeviet awtorizzazzjoni sabiex tistabbilixxi fergħa u lill-EIOPA.

⁴ Disponibbli fis-sit web tal-EIOPA: <https://eiopa.europa.eu/Pages/Guidelines/Guidelines-on-supervisory-review-process.aspx>.

- 1.39 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tikkunsidra jekk hemmx awtoritajiet superviżorji rilevanti oħra li magħhom għandha tikkomunika, bħal awtoritajiet superviżorji ta' impriża tal-assigurazzjoni relatati jew fergħat ta' membri oħra tal-grupp li għalih tappartjeni l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz.

Solidità finanzjarja tal-fergħa

Linja gwida 17 - Kontabbiltà tal-fergħat

- 1.40 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz tistabilixxi, iżżomm u tiddokumenta l-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi relatati mal-operazzjonijiet tal-fergħat tagħha fl-Istati Membri li fihom joperaw il-fergħat.
- 1.41 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz iżżomm rekords: li jidentifikaw il-pożizzjoni tal-assi kollha tal-fergħat; u li jipprovdu informazzjoni suffiċjenti li tippermetti lil kwalunkwe persuna responsabbli mill-istralċ ta' dik l-impriża li jieħu l-kontroll ta' dawk l-assi.
- 1.42 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz tipproduċi u żżomm kontijiet ta' ġestjoni relatati mal-karta bilanċjali sħiħa tal-fergħa – li jinkludu l-assi disponibbli u mhux disponibbli u l-obbligazzjonijiet kollha relatati mal-operazzjonijiet tal-fergħa.

Linja gwida 18 - Pożizzjoni tal-assi tal-fergħa

- 1.43 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li:
- a) l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz ikollha assi suffiċjenti li jkopru l-RKM tal-fergħa u iżżommhom fi kwalunkwe ħin fi ħdan l-Istat Membru ospitanti;
 - b) l-assi li jkopru l-RKS tal-fergħa, li jaqbzū l-RKM tal-fergħa, ikunu jinsabu fl-Unjoni; u
 - c) l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tinforma immedjatament lill-awtorità superviżorja ospitanti jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ma tibqax imħarsa.

Linja gwida 19 - Rekwiżiti ta' kwalità għad-depożiti ta' garanziji skont l-Artikolu 162(2)(e) tad-Direttiva 2009/138/KE

- 1.44 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li d-depożiti ppreżentati bħala garanzija minn impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz ikunu ta' volatilità baxxa fil-kundizzjonijiet tas-suq kollha li jkollhom impatt fuq il-valur ta' dak id-depożitu u b'hekk fuq l-adeqwatezza tad-depożitu bħala garanzija.
- 1.45 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz tkun tista' tippreżenta biss depożitu ma' istituzzjoni tal-kreditu awtorizzata fl-Unjoni li tkun irrikonoxxiet li ma għandha l-ebda drittijiet ta' tpaċija jew ma tkun se teżerċita l-ebda dritt ta' tpaċija tal-ebda pretensjoni li jista' jkollha kontra dik l-impriża kontra d-

depożitu jekk l-impriża tal-assigurazzjoni tfalli jew tkun soġġetta għal proċeduri ta' stralċ.

Linja gwida 20 - Valutazzjoni tal-kwalità ta' depożitu ta' garanzija skont l-Artikolu 162(2)(e) tad-Direttiva 2009/138/KE

1.46 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz tipprovdiha informazzjoni suffiċjenti sabiex hija tkun tista' tivvaluta l-kwalità tal-assi u tistabbilixxi jekk dik l-impriża jkollhiex bżonn tagħmel bidliet fid-depożitu sabiex tassigura l-adegwatezza kontinwa tiegħu bħala garanzija.

Linja gwida 21 - Regoli tal-valwazzjoni

1.47 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz tikkalkula l-assi tal-fergħa, l-obbligazzjonijiet tal-fergħa, l-RKM tal-fergħa u l-RKS tal-fergħa tagħha skont ir-regoli tal-valwazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu VI tat-Titolu 1 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Linja gwida 22 - Kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għall-fergħa

1.48 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-RKS tal-fergħa u l-RKM tal-fergħa jiġu kkalkulati abbażi tal-karta bilanċjali tal-fergħa daqs li kieku l-operazzjonijiet tal-fergħa kienu jikkostitwixxu impriża tal-assigurazzjoni separata.

Linja gwida 23 - Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza

1.49 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-fondi proprji tal-fergħa jkunu mill-anqas daqs l-RKS tal-fergħa.

Linja gwida 24 - Rekwiżit Kapitali Minimu

1.50 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-fondi proprji bażiċi tal-fergħa jkunu mill-anqas daqs l-RKM tal-fergħa.

Linja gwida 25 - Fondi proprji tal-fergħa

1.51 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tikkalkula l-fondi proprji tal-fergħa tagħha, billi tikkunsidra biss l-assi li jkunu disponibbli għad-distribuzzjoni ma' stralċ tal-impriża sabiex jiġihallu l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tad-detenturi ta' polza tal-fergħa u l-pretensjonijiet preferenzjali tal-fergħa. Tali assi għandhom jiġu ttrattati bħala disponibbli biss jekk ikunu se jiġu distribwiti:

- a) skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 275(1)(a) jew (b) tad-Direttiva 2009/138/KE u b'mod li ma jiddefferenzjax bejn il-pretensjonijiet skont il-post tal-pretensjoni; jew
- b) sabiex jiġihallu pretensjonijiet preferenzjali tal-fergħa u pretensjonijiet tal-assigurazzjoni ta' detenturi ta' polza tal-fergħa qabel il-pretensjonijiet l-oħra kollha.

Linja gwida 26 - Valutazzjoni tal-assi disponibbli tal-fergħa

1.52 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tipprovdiha informazzjoni suffiċjenti li tippermetti lill-awtorità superviżorja ospitanti tivvaluta dawn kollha li ġejjin:

- a) il-passi li likwidatur irid jieħu sabiex jassumi l-kontroll ta', u jiġbor l-assi tal-fergħa, u jekk dawn il-passi jkunux effettivi meta jiġu eżerċitati pretensjonijiet f'kompetizzjoni fir-rigward ta' dawk l-assi minn kredituri oħra jew likwidatur ieħor li jkun qiegħed jamministra l-proċedimenti ta' stralċ fir-rigward tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz;
- b) il-ħeffa u s-sempliċità li biha l-assi tal-fergħa jistgħu jiġu trasferiti barra l-ġurisdizzjoni tal-awtorità superviżorja ospitanti u l-UE qabel ma jibdew il-proċedimenti ta' stralċ;
- c) il-grad safejn l-awtorità superviżorja ospitanti tista' effettivament tipprevjeni l-assi ta' fergħa milli jiġu trasferiti barra mill-UE qabel ma tinbeda kwalunkwe proċediment ta' stralċ;
- d) il-grad safejn l-assi ta' fergħa jistgħu jintużaw sabiex jiġu saldati obligazzjonijiet għajr pretensjonijiet tal-assigurazzjoni tal-fergħa qabel jew fil-każ ta' stralċ tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz;
- e) il-mod li bih l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz teżerċita kontroll fuq l-operazzjonijiet tal-fergħa u jekk dan il-kontroll jiġix eżerċitat minn persuni responsabbli għall-operazzjonijiet tal-fergħa b'mod distint minn persuni responsabbli għall-operazzjonijiet l-oħra tal-impriża;
- f) ir-riskju li l-obbligazzjonijiet tal-fergħa ma jkunux relatati mal-pretensjonijiet tad-detenturi ta' polza fi ħdan l-UE b'mod li jiffunzjonaw bħala mekkaniżmu sabiex jiġu trasferiti b'mod xieraq jew mod ieħor assi tal-fergħa lil kwalunkwe kreditur ieħor tal-impriża, kwalunkwe membru tal-istess grupp, jew kwalunkwe parti terza għad-detriment tad-detenturi ta' polza fi ħdan l-UE;
- g) jekk ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz u partijiet terzi jippermettux l-użu ta' assi tal-fergħa għal skopijiet għajr biex jiġu ssodisfati l-obbligazzjonijiet tal-fergħa;
- h) l-effetti ta' rekwiżiti legali speċifiċi għall-użu ta' assi tal-fergħa għal skopijiet għajr biex jiġu ssodisfati l-obbligazzjonijiet tal-fergħa;
- i) jekk in-nuqqas ta' użu ta' assi tal-fergħa għal skopijiet għajr biex jiġu ssodisfati l-obbligazzjonijiet tal-fergħa jistax jippreġudika r-reputazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz;
- j) jekk hemmx xi żvantaġġi jew vantaġġi fiskali għall-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz li jinħolqu mal-użu ta' assi tal-fergħa għal skopijiet għajr biex jiġu ssodisfati l-obbligazzjonijiet tal-fergħa; u
- k) jekk hemmx xi kontrolli tal-kambju li jistgħu jkollhom impatt fuq l-użu ta' assi tal-fergħa għal skopijiet għajr biex jiġu ssodisfati l-obbligazzjonijiet tal-fergħa.

Governanza u ġestjoni tar-riskju

Linja gwida 27 - Rekwiżiti ġenerali ta' governanza

1.53 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-imprezza tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tikkonforma mas-sistema ta' rekwiżiti ta' governanza skont l-Artikoli 41 sa 50 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż mal-prinċipju tal-persuna prudenti fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħa.

Linja gwida 28 - Applikazzjoni tal-prinċipju tal-persuna prudenti għall-assi tal-fergħa

1.54 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-imprezza tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tagħmel l-assi tal-fergħa konformi mal-prinċipju tal-persuna prudenti skont l-Artikolu 132 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Linja gwida 29 - Il-lingwa u r-rappurtar tal-politiki ta' governanza

1.55 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-imprezza tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz ikollha politiki bil-miktub li jkopru l-arranġamenti ta' governanza sabiex tikkonforma mal-Linja gwida 7, disponibbli f'lingwa maqbulha mill-awtorità superviżorja ospitanti, u fir-rappurtar superviżorju regolari tagħha tinkludi informazzjoni dwar kif tissodisfa dawk ir-rekwiżiti ta' governanza.

Linja gwida 30 - Funzjonijiet ewlenin

1.56 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-imprezza tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tkun implimentat il-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju, il-funzjoni tal-konformità, il-funzjoni tal-awditjar intern u l-funzjoni attwarja fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat, irrispettivament minn jekk dawn il-funzjonijiet ikunux speċifikament stabbiliti għall-operazzjonijiet tal-fergħa jew ikunux applikati mill-uffiċċju ewlieni tal-imprezza għall-operazzjonijiet tal-fergħat.

Linja gwida 31 - Notifika ta' persuni idonei u xierqa

1.57 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-imprezza tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tinnotifikaha dwar l-identità ta', u kwalunkwe tibdil fi:

- a) ir-rappreżentant ġenerali tal-fergħa;
- b) kwalunkwe persuna li effettivament tmexxi jew li tista' tinfluwenza l-operazzjonijiet tal-fergħa; u
- c) il-persuni li jkunu responsabbli għal funzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħa.

Linja gwida 32 - Rekwiżiti idonei u xierqa

1.58 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-imprezza tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tipprovdilha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tivvaluta l-idoneità u l-adegwatezza tal-persuni msemmija fil-Linja gwida 31.

Linja gwida 33 - Valutazzjoni proprja tar-riskju u s-solvenza (ORSA)

1.59 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz twettaq, mill-anqas darba fis-sena, ORSA li tikkonforma mal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2009/138/KE fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħa.

Linja gwida 34 - Riskji materjali li għandhom jiġu inklużi fl-ORSA

1.60 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li għall-finijiet tal-ORSA, impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz tqis kwalunkwe riskju materjali għall-operazzjonijiet ta' fergħa, u kwalunkwe riskju għal operazzjonijiet oħra tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz li jista' jaffettwa l-operazzjonijiet tal-fergħa.

Linja gwida 35 - Valutazzjoni tal-assi tal-fergħa fl-ORSA

1.61 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz, bħala parti mill-ORSA tagħha, tivvaluta d-disponibbiltà permanenti tal-assi tal-fergħa u fil-valutazzjoni tagħha tindirizza:

- a) ir-riskji għall-effikaċja tal-arranġamenti sabiex ikun assigurat li l-assi tal-fergħa jitħallsu biss lill-kredituri tal-assigurazzjoni tal-fergħa u l-kredituri preferenzjali tal-fergħa; u
- b) ir-riskji għall-adegwatezza tal-assi tal-fergħa sabiex ikopru l-pretensjonijiet ta' tali kredituri mill-anqas bl-ammont tal-RKS tal-fergħa jekk is-subparagrafu (a) tal-Linja gwida 25 ma jintlaħaqx mill-impriża.

Divulgazzjoni

Linja gwida 36 - Rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika fir-rigward tal-fergħat

1.62 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiżi terzi jiggarrantixxu li d-detenturi ta' polza tal-fergħat ikunu jistgħu jiksbu kwalunkwe informazzjoni divulgata b'mod pubbliku rigward is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-impriża tal-assigurazzjoni sħiħa tal-pajjiż terz, jekk ir-regoli u r-regolamenti tal-pajjiż terz jippreskrivu tali divulgazzjoni.

Struttura u forma tar-rappurtar superviżorju

Linja gwida 37 - Elementi tar-rappurtar superviżorju regolari

1.63 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat f'perjodi predefiniti skont l-Artikolu 35(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE.

- a) rapport superviżorju regolari li jinkludi l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2009/138/KE u dawn il-Linji gwida, dwar l-

- operazzjonijiet tal-fergħat, f'forma narrattiva u jinkludi data kwantitattiva, fejn ikun xieraq;
- b) ir-rapport superviżorju tal-ORSA fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat li jinkludi r-riżultati ta' kull ORSA regolari mwettqa mill-impriża skont l-Artikolu 45(6) tad-Direttiva 2009/138/KE u dawn il-Linji gwida, u mingħajr dewmien wara kwalunkwe bidla sinifikanti fil-profil tar-riskju tagħha, skont l-Artikolu 45(5) tad-Direttiva 2009/138/KE;
 - c) formoli kwantitattivi annwali u trimestrali mimlija fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat, kif previst fil-Linji gwida 44, 45 u 47, li jispeċifikaw f'aktar dettall u jissupplimentaw, fejn ikun xieraq, l-informazzjoni ppreżentata fir-rapport superviżorju regolari;
 - d) kopja tad-dokumentazzjoni tar-rappurtar superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni sħiħa tal-pajjiż terz;
 - e) sommarju ta' kwalunkwe tħassib sinifikanti li l-awtorità superviżorja domestika tkun qajmet mal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz, fil-lingwa uffiċjali tal-pajjiż fejn tkun tinsab il-fergħa.

1.64 Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu ta' din il-Linja gwida huma mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-awtorità superviżorja ospitanti li tesiġi li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tikkomunika fuq bażi regolari kwalunkwe informazzjoni oħra ppreparata taħt ir-responsabbiltà ta', jew fuq talba tal-korp amministrattiv, ta' ġestjoni jew superviżorju ta' dawn l-impriżi, fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat.

1.65 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li r-rapport superviżorju regolari maħruġ mill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat isegwi l-istruttura stabbilita fl-Anness XX tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35⁵ u jippreżenta b'mod koerenti u informattiv l-informazzjoni deskritta fl-Anness Tekniku I għal dawn il-Linji gwida.

Linja gwida 38 - Rapport Superviżorju tal-ORSA

1.66 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li r-rapport superviżorju tal-ORSA maħruġ mill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz dwar l-operazzjonijiet tal-fergħat ikopri:

- a) ir-riżultati kwalitattivi u kwantitattivi tal-ORSA u l-konklużjonijiet misluta mill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz minn dawk ir-riżultati;
- b) il-metodi u s-suppożizzjonijiet prinċipali użati fl-ORSA;
- c) informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' solvenza ġenerali tal-fergħa u tqabbil bejn dawk il-ħtiġijiet ta' solvenza, ir-rekwiżiti kapitali regolatorji u l-fondi proprji tal-fergħa;

⁵ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1)

- d) informazzjoni kwalitattiva dwar il-punt safejn ir-riskji kwantifikabbli tal-fergħa ma jkunux riflessi fil-kalkolu tal-RKS tal-fergħa;
- e) fejn ikunu ġew identifikati devjazzjonijiet sinifikanti, ir-riskji kwantifikabbli tal-fergħa mhux riflessi fl-RKS kwantifikati b'mod xieraq.

1.67 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li r-rapport superviżorju tal-ORSA maħruġ mill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz dwar l-operazzjonijiet tal-fergħat ikopri wkoll kwalunkwe riskju fir-rigward ta' operazzjonijiet oħra tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz li jista' jkollu impatt materjali fuq l-operazzjonijiet tal-fergħat.

Linja gwida 39 - Munita

1.68 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-punti ta' data fir-rapporti tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz bit-tip ta' data 'Monetarja' jkun fil-munita tar-rappurtar, li jeħtieġ il-konverżjoni tal-munita l-oħra għall-munita tar-rappurtar, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fl-istruzzjonijiet tal-Anness II tal-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni jew tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida.

1.69 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li meta l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tesprimi l-valur ta' kwalunkwe ass jew obligazzjoni tal-fergħa denominati f'munita oħra minbarra l-munita tar-rappurtar, hija tikkonverti dak il-valur fil-munita tar-rappurtar daqs li kieku l-konverżjoni kienet saret bir-rata tal-għeluq fl-aħħar jum li għaliha tkun disponibbli r-rata xierqa fil-perjodu tar-rappurtar li jirrelataw għalih l-ass jew l-obbligazzjoni.

1.70 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li meta l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tesprimi l-valur ta' kwalunkwe dħul jew spiża, hija tikkonverti dak il-valur għall-munita tar-rappurtar billi tuża bażi ta' konverżjoni bħal dik użata għal skopijiet ta' kontabbiltà.

1.71 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li meta l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tagħmel konverżjoni għall-munita tar-rappurtar, hija tapplika r-rata tal-kambju mill-istess sors bħal dak użat għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-impriża fil-każ ta' rappurtar individwali.

Linja gwida 40 - Materjalità tal-informazzjoni

1.72 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz iqisu bħala informazzjoni materjali, informazzjoni li ommissjoni jew dikjarazzjoni skorretta jistgħu jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet jew ġudizzju tagħha.

Mezzi ta' komunikazzjoni

Linja gwida 41 - Mezzi ta' rappurtar

1.73 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tipprovdiha r-rapport superviżorju regolari dwar

l-operazzjonijiet tal-fergħat, ir-rapport superviżorju tal-ORSA dwar l-operazzjonijiet tal-fergħat u l-formoli kwantitattivi rilevanti f'forma elettronika.

Linja gwida 42 - Formati tar-rappurtar superviżorju

1.74 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tipprovdi l-informazzjoni msemmija f'dawn il-Linji gwida fil-formati għall-iskambju tad-data u r-rappreżentazzjonijiet determinati mill-awtorità superviżorja ospitanti jew mis-superviżur tal-grupp u tirrispetta l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

- a) il-punti ta' data bit-tip ta' data 'Monetarja' espressi f'unitajiet mingħajr punti deċimali bl-eċċezzjoni tal-formoli S.06.02, S.08.01, S.08.02 jew S.11.01, li huma espressi f'unitajiet b'żewġ punti deċimali;
- b) il-punti ta' data bit-tip ta' data 'Perċentwal' espressi għal kull unità b'erba' punti deċimali;
- c) il-punti ta' data bit-tip ta' data 'Numru sħiħ' espressi f'unitajiet mingħajr punti deċimali.

Linja gwida 43 - Aġġornamenti għar-rapporti

1.75 Meta żvilupp sinifikanti jaffettwa l-informazzjoni riċevuta minn impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha aġġornament ta' din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr wara li jseħħ l-iżvilupp sinifikanti. Tali aġġornament jista' jieħu l-forma ta' emendi fir-rapport inizjali.

1.76 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz iqisu bħala żvilupp sinifikanti kwalunkwe bidla sinifikanti fir-reġim ta' stralċ applikabbli għall-fergħa.

Rekwiżiti ta' rappurtar kwantitattiv għal impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat

Linji gwida 44 - Formoli kwantitattivi annwali għall-impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat

1.77 Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor skont il-Linja gwida 48, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriżi tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz jipprezentawliha kull sena l-informazzjoni strutturata li ġejja dwar l-operazzjonijiet tal-fergħat, fejn applikabbli:

- a) il-formola S.01.01.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika l-kontenut tas-sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- b) il-formola S.01.02.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni bażika dwar il-fergħa u l-kontenut tar-rappurtar b'mod ġenerali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.02 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;

- c) il-formola S.01.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni bażika dwar il-fondi delimitati u l-portafolji ta' korrispondenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- d) il-formola S.02.01.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni dwar il-karta bilanċjali billi jintużaw kemm il-valwazzjoni skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE kif ukoll il-valwazzjoni skont il-valur tal-kontijiet ta' ġestjoni tal-fergħa għall-operazzjonijiet tal-fergħat, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.02.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- e) il-formola S.02.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fergħa skont il-munita, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.02.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- f) il-formola S.02.03.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni addizzjonali dwar il-karta bilanċjali tal-fergħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.02.03 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- g) il-formola S.03.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni ġenerali dwar entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.03.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- h) il-formola S.03.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista ta' garanziji illimitati riċevuti li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.03.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- i) il-formola S.03.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista ta' garanziji illimitati pprovdu li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.03.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- j) il-formola S.05.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-primjums, il-pretensjonijiet, u l-ispejjeż b'segwitu tal-prinċipji ta' valwazzjoni u rikonossiment użati fil-valur tal-

kontijiet ta' ġestjoni tal-fergħa għall-operazzjonijiet tal-fergħat, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.05.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;

- k) il-formola S.05.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar il-primjums, il-pretensjonijiet u l-ispejjeż skont il-pajjiż, billi jiġu applikati l-prinċipji ta' valwazzjoni u rikonossiment użati fil-kontijiet ta' ġestjoni tal-fergħa għall-operazzjonijiet tal-fergħat, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.05.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- l) il-formola S.06.02.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tipprovdi lista, entrata wara entrata tal-assi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.06.02 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- m) il-formola S.06.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi informazzjoni dwar it-trasparenza tal-investimenti kollettivi kollha miżmuma mill-fergħa tal-pajjiż terz, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.06.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- n) il-formola S.07.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, tal-prodotti strutturati biss meta l-ammont tal-prodotti strutturati jkun oġġla minn 5%, imkejjeż bħala l-assi kklassifikati bħala assi tal-kategoriji 5 (Noti strutturati) u 6 (Titoli kollateralizzati) kif definiti fl-Anness V tal-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, diviżi bis-somma tal-entrati C0010/R0070 u C0010/RC0220 tal-formola S.02.01.01, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.07.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- o) il-formola S.08.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, tal-pożizzjonijiet miftuħa tad-derivattivi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.08.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- p) il-formola S.08.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, tad-derivattivi magħluqa matul il-perjodu tar-rappurtar, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.08.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

- q) il-formola S.09.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar id-dħul, il-qligħ u t-telf fil-perjodu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.09.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- r) il-formola S.10.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, ta' data dwar ftehimiet ta' self u riakkwist ta' titoli, li jidhru u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, meta biss il-valur tat-titoli sottostanti, li jidhru u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, involuti fi ftehimiet ta' self jew riakkwist, għal kuntratti b'data ta' maturità li tiġi wara d-data ta' referenza tar-rappurtar, ikun jirrappreżenta aktar minn 5% tal-investimenti totali kif irrappurtat fl-entrati C0010/R0070 u C0010/RC0220 tal-formola S.02.01.01 tal-Anness I tal-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.10.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- s) il-formola S.11.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, tal-assi miżmuma bħala kollateral, li tikkonsisti mit-tipi kollha ta' kategoriji ta' assi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali miżmuma bħala kollateral, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.11.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- t) il-formola S.12.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa SLT, skont il-linji ta' negozju kif definiti fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.12.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- u) il-formola S.12.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa SLT skont il-pajjiż, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.12.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- v) il-formola S.13.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, dwar il-projezzjoni tal-aħjar stima tal-flussi ta' flus futuri tal-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.13.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

- w) il-formola S.14.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, dwar l-analiżi tal-obbligi tal-ħajja, inklużi kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja u annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja, skont il-prodott u skont il-grupp ta' riskji omoġenji maħruġa mill-fergħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.14.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- x) il-formola S.15.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjefika informazzjoni dwar id-deskrizzjoni tal-garanziji tal-annwalitajiet varjabbli skont il-prodott maħruġ mill-fergħa fl-ambitu tal-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni diretta, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.15.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- y) il-formola S.15.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjefika informazzjoni dwar l-iħħeġġjar tal-garanziji tal-annwalitajiet varjabbli, skont il-prodott maħruġ mill-fergħa fl-ambitu ta' negozju dirett, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.15.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- z) il-formola S.16.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjefika informazzjoni dwar l-annwalitajiet li joħorġu minn obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja maħruġa mill-fergħa fl-ambitu tal-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni diretta, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.16.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, dwar l-annwalitajiet li joriġinaw mil-linji kollha ta' negozju kif definiti fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 u addizzjonalment skont il-munita biss meta japplika dan li ġej:
- i. Jekk l-aħjar stima tal-provvedimenti għall-pretensjonijiet tal-annwalità fuq bażi skontata minn linja waħda ta' negozju mhux tal-ħajja tirrappreżenta aktar minn 3% tal-aħjar stima totali għall-provvedimenti kollha għall-pretensjonijiet tal-annwalità, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata bit-tqassim li ġej skont il-muniti:
- a) l-ammonti għall-munita tar-rappurtar;
- b) l-ammonti għal kull munita li tirrappreżenta aktar minn 25% tal-aħjar stima għall-provvedimenti tal-pretensjonijiet tal-annwalità fuq bażi skontata fil-munita oriġinali minn dik il-linja ta' negozju mhux tal-ħajja; jew

- c) l-ammonti għal kull munita li tirrappreżenta anqas minn 25% tal-aħjar stima għad-provvedimenti tal-pretensjonijiet tal-annwalità (fuq bażi skontata) fil-munita oriġinali minn dik il-linja ta' negozju mhux tal-ħajja iżda aktar minn 5% tal-aħjar stima totali għall-provvedimenti kollha tal-pretensjonijiet tal-annwalità;
- aa) il-formola S.17.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.17.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, skont il-linji ta' negozju kif definiti fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;
- bb) il-formola S.17.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja riferuti għal negozju dirett tal-assigurazzjoni skont il-pajjiż, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.17.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- cc) il-formola S.18.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, dwar il-projezzjoni tal-flussi ta' flus futuri abbażi tal-aħjar stima tal-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.18.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- dd) il-formola S.19.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja fil-format ta' trijangoli tal-iżvilupp, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.19.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, għat-total ta' kull linja ta' negozju mhux tal-ħajja kif definiti fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 u addizzjonalment skont il-munita, meta biss japplika dan li ġej:
- i. Jekk it-total tal-aħjar stima grossa għal linja waħda ta' negozju mhux tal-ħajja jirrappreżenta aktar minn 3% tat-total tal-aħjar stima grossa tal-provvediment tal-pretensjonijiet, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata bit-tqassim li ġej skont il-muniti:
- a) l-ammonti għall-munita tar-rappurtar;
- b) l-ammonti għal kull munita li tirrappreżenta aktar minn 25% tal-aħjar stima grossa tal-provvedimenti tal-pretensjonijiet fil-munita oriġinali minn dik il-linja ta' negozju mhux tal-ħajja; jew

- c) l-ammonti għal kull munita li tirrappreżenta anqas minn 25% tal-aħjar stima grossa tal-provvedimenti tal-pretensjonijiet fil-munita oriġinali minn dik il-linja ta' negozju mhux tal-ħajja iżda aktar minn 5% tal-aħjar stima grossa totali tal-provvedimenti tal-pretensjonijiet fil-munita oriġinali.
- ee) il-formola S.20.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar l-iżvilupp tad-distribuzzjoni tal-pretensjonijiet imġarrba fi tmiem is-sena finanzjarja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.20.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;
- ff) il-formola S.21.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-profil tar-riskju tad-distribuzzjoni tat-telf fl-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.21.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;
- gg) il-formola S.21.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskji tas-sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.21.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- hh) il-formola S.21.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar is-sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont is-somma assicurata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.21.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, skont il-linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;
- ii) il-formola S.22.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri ta' garanziji fit-tul u tranżizzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.22.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- jj) il-formola S.22.04.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-miżura tranżizzjonali tar-rata tal-

imgħax, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.22.04 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

- kk) il-formola S.22.05.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-miżura tranżizzjonali dwar il-provvedimenti tekniċi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.22.05 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- ll) il-formola S.22.06.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-miżura tranżizzjonali dwar il-provvedimenti tekniċi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.22.06 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- mm) il-formola S.23.01.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.23.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- nn) il-formola S.23.03.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni dwar il-movimenti annwali fil-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.23.03 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- oo) il-formola S.24.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet tal-fergħa u deskrizzjoni ġenerali tal-kalkolu għat-tnaqqis mill-fondi proprji relatati ma' parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.24.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- pp) il-formola S.25.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-RKS għall-fergħat li jużaw il-formula standard, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- qq) il-formola S.25.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-RKS għall-fergħat li jużaw il-formula standard u mudell intern parzjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- rr) il-formola S.25.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni,

li tispeċifika l-RKS għall-fergħat li jużaw mudell intern sħiħ, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

- ss) il-formola S.26.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju tas-suq, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.78(a) sa (c);
- tt) il-formola S.26.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.78(a) sa (c);
- uu) il-formola S.26.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.78(a) sa (c);
- vv) il-formola S.26.04.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.04 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.78(a) sa (c);
- ww) il-formola S.26.05.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.05 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.78(a) sa (c);
- xx) il-formola S.26.06.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju operazzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.06 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.78(a) sa (c);

- yy) il-formola S.26.07.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar is-simplifikazzjonijiet użati fil-kalkolu tal-RKS, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.07 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.78(a) sa (c);
- zz) il-formola S.27.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.27.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.78(a) sa (c);
- aaa) il-formola S.28.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-RKM għall-fergħat involuti biss f'attività ta' assigurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni tal-ħajja jew mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.28.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- bbb) il-formola S.28.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika l-RKM għall-fergħat involuti f'attività ta' assigurazzjoni kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.28.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- ccc) il-formola S.29.01.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni dwar l-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet matul is-sena ta' rappurtar li tipprovdi ġabra fil-qosor tas-sorsi prinċipali ta' din il-varjazzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.29.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- ddd) il-formola S.29.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-parti tal-varjazzjoni tal-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet matul is-sena tar-rappurtar spjegata permezz tal-investimenti u l-obbligazzjonijiet finanzjarji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.29.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- eee) il-formoli S.29.03.01 u S.29.04.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-parti tal-varjazzjoni tal-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet matul is-sena tar-rappurtar spjegata permezz ta' provvedimenti tekniċi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formoli S.29.03 u S.29.04 tal-Anness II għall-Istandard

Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

- fff) il-formola S.30.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar il-koperturi fakultattivi fis-sena ta' rapportar li jmiss, li tkopri informazzjoni dwar l-10 riskji l-aktar importanti f'termini ta' skoperturi riassigurati għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 li għaliha tintuża r-riassigurazzjoni fakultattiva, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.30.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- ggg) il-formola S.30.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar l-ishma tar-riassiguraturi tal-koperturi fakultattivi fis-sena tar-rappurtar li jmiss dwar l-10 riskji l-aktar importanti f'termini ta' skoperturi riassigurati, għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.30.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- hhh) il-formola S.30.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar il-programm ta' riassigurazzjoni endoġena fis-sena ta' rapportar li jmiss, li jkopri informazzjoni prospettiva dwar trattati ta' riassigurazzjoni b'perjodu ta' validità li jinkludi jew jikkoinċidi mas-sena ta' rapportar li jmiss, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.30.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- iii) il-formola S.30.04.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar il-programm ta' riassigurazzjoni endoġena fis-sena ta' rapportar li jmiss, li jkopri informazzjoni prospettiva dwar trattati ta' riassigurazzjoni b'perjodu ta' validità li jinkludi jew jikkoinċidi mas-sena ta' rapportar li jmiss, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.30.04 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- jjj) il-formola S.31.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar is-sehem tad-data dwar ir-riassiguraturi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.31.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

kkk) il-formola S.31.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-veikoli bi skop speċjali mill-perspettiva tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li qiegħda tittrasferixxi r-riskju(i) lill-veikoli bi skop speċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.31.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

1.78 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li meta l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tissottometti l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tal-fergħat imsemmija fil-paragrafi 1.77 (rr) sa (yy), jiġu applikati l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

a) F'każ ta' eżistenza ta' fondi delimitati jew ta' portafolii tal-aġġustamenti ta' korrispondenza, l-informazzjoni msemmija f'dawk il-paragrafi m'għandhiex tiġi rrapportata għall-fergħa fit-totalità tagħha;

b) meta jintuża mudell intern parzjali, l-informazzjoni msemmija f'dawk il-paragrafi għandha tiġi rrapportata biss b'rabta mar-riskji koperti mill-formula standard, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor abbażi tal-Linja gwida 49.

c) meta jintuża mudell intern sħiħ, l-informazzjoni msemmija f'dawk il-paragrafi m'għandhiex tiġi rrapportata.

1.79 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li meta l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tissottometti l-informazzjoni meħtieġa skont din il-Linja gwida, l-impriża tuża *mutatis mutandis* il-formoli u l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni sakemm paragrafu jew subparagrafu speċifiku ta' din il-Linja gwida ma jirreferix għall-formoli u l-istruzzjonijiet speċifiċi għall-fergħat kif stabbiliti fl-Anness III u IV għal dawn il-Linji gwida.

Linji gwida 45 - Formoli trimestrali għall-impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiżi terzi

1.80 Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor skont il-Linja gwida 48, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha fuq bażi trimestrali l-informazzjoni strutturata li ġejja rigward l-operazzjonijiet tal-fergħat, fejn applikabbli:

a) il-formola S.01.01.08 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika l-kontenut tas-sottomissjoni li tiddettalja l-informazzjoni ppreżentata f'kull data ta' sottomissjoni tar-rappurtar, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;

b) il-formola S.01.02.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni bażika li tiddettalja informazzjoni dwar l-impriża u l-kontenut tar-rappurtar b'mod ġenerali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.02 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;

- c) il-formola S.02.01.08 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni tal-karta bilanċjali li tuża l-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.02.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- d) il-formola S.05.01.02 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-primjums, il-pretensjonijiet u l-ispejjeż, billi jintużaw il-prinċipji ta' valwazzjoni u rikonoxximent użati fil-kontijiet ta' ġestjoni tal-fergħa għall-operazzjonijiet tal-fergħat, fir-rigward ta' kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.05.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- e) il-formola S.06.02.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika lista, entrata wara entrata, tal-assi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.06.02 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- f) il-formola S.06.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar it-trasparenza tal-impriżi kollha ta' investimenti kollettivi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.06.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, meta biss il-proporzjon tal-impriżi ta' investimenti kollettivi miżmuma mill-fergħa tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz mal-investimenti totali jkun ogħla minn 30%. Dan il-proporzjon huwa mkejjel bħala l-entrata C0010/R0180 tal-formola S.02.01.02, flimkien mal-impriżi ta' investimenti kollettivi inklużi fl-entrata C0010/R0220 tal-formola S.02.01.02, flimkien mal-impriżi ta' investimenti kollettivi inklużi fl-entrata C0010/R0090 tal-formola S.02.01.02, diviżi bis-somma tal-entrati C0010/R0070 u C0010/RC0220 tal-formola S.02.01.02;
- g) il-formola S.08.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, tal-pożizzjonijiet miftuħa tad-derivattivi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.08.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- h) il-formola S.08.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, tad-derivattivi magħluqa matul il-perjodu tar-rappurtar, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.08.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jintużaw il-kodiċijiet ta' Identifikazzjoni Komplementari kif stabbilit fl-Anness V għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, u definiti fl-Anness VI tiegħu;

- i) il-formola S.12.01.02 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa SLT, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.12.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;
- j) il-formola S.17.01.02 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet fil-formola S.17.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;
- k) il-formola S.23.01.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet fil-formola S.23.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- l) il-formola S.28.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-RKM għall-fergħat involuti biss f'attività ta' assicurazzjoni jew ta' riassicurazzjoni tal-ħajja jew mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.28.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- m) il-formola S.28.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-RKM għall-impriżi tal-assigurazzjoni involuti f'attività ta' assicurazzjoni kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.28.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

1.81 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-meta l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tissottometti l-informazzjoni meħtieġa skont dawn il-Linji gwida, l-impriża tuża *mutatis mutandis* il-formoli u l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni sakemm paragrafu jew subparagrafu speċifiku ta' dawn il-Linji gwida ma jirreferix għal formoli u struzzjonijiet speċifiċi għall-fergħa kif stabbiliti fl-Anness III u IV għal dawn il-Linji gwida.

Linja gwida 46 - Simplifikazzjonijiet permessi fir-rappurtar trimestrali għall-impriżi individwali

1.82 Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.82(c) tal-Linja gwida 45, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tippermetti lill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz li għall-kalkoli trimestrali tibbaża fuq stimi u metodi ta' stima sa ċertu punt akbar mill-kalkoli tad-data finanzjarja annwali.

- 1.83 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassiġura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tfassal il-proċeduri tal-kejl għar-rappurtar trimestrali biex tassiġura li l-informazzjoni li tirriżulta tkun affidabbli u tikkonforma mal-istandards tad-Direttiva 2009/138/KE u li tiġi rrappurtata l-informazzjoni materjali kollha li tkun rilevanti għall-fehim tad-data.
- 1.84 Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.82(i) u (j) tal-Linja gwida 45, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tippermetti lill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz li tapplika metodi simplifikati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat. L-impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz jistgħu, b'mod partikolari, joħorġu l-marġni ta' riskju għall-kalkoli li jridu jsiru kull trimestru mir-riżultat ta' kalkolu preċedenti tal-marġni ta' riskju mingħajr kalkolu espliċitu tal-marġni ta' riskju nnifsu f'kull trimestru.

Linja gwida 47 - Formoli kwantitattivi annwali għall-impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz - fondi delimitati

- 1.85 Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor skont il-Linja gwida 48, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassiġura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz, kull sena tippreżentalha, fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat tagħha, l-informazzjoni strutturata li ġejja dwar il-fondi delimitati materjali, il-portafolli ta' korrispondenza materjali u l-parti li tiftal, fejn applikabbli:
- a) il-formola SR.01.01.07 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-kontenut tas-sottomissjoni li tiddettalja l-informazzjoni sottomessa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
 - b) il-formola SR.12.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa SLT, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.12.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;
 - c) il-formola SR.17.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.17.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35;
 - d) il-formola SR.25.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-RKS għall-fergħat li jużaw il-formula standard, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.01 tal-Anness II għall-Istandard

Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

- e) il-formola SR.25.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega l-RKS għall-fergħat li jużaw il-formula standard u mudell intern parzjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- f) il-formola SR.25.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega l-RKS għall-fergħat li jużaw mudell intern sħiħ, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- g) il-formola SR.26.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar ir-riskju tas-suq, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.87-1.88 ta' din il-Linja gwida;
- h) il-formola SR.26.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.87-1.88 ta' din il-Linja gwida;
- i) il-formola SR.26.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.87-1.88 ta' din il-Linja gwida;
- j) il-formola SR.26.04.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.04 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.87-1.88 ta' din il-Linja gwida;
- k) il-formola SR.26.05.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li

tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.05 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.87-1.88 ta' din il-Linja gwida;

l) il-formola SR.26.06.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju operazzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.06 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.87-1.88 ta' din il-Linja gwida;

m) il-formola SR.26.07.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar is-simplifikazzjonijiet użati fil-kalkolu tal-RKS, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.26.07 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.87-1.88 ta' din il-Linja gwida;

n) il-formola SR.27.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.27.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni u billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 1.87-1.88 ta' din il-Linja gwida;

1.86 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz, kull sena tippreżentalha, fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat tagħha b'rabta mal-fondi delimitati materjali u l-parti li tifdal, il-formola SR.02.01.07 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni tal-karta bilanċjali billi tintuża kemm il-valwazzjoni tal-assi kif ukoll tal-obbligazzjonijiet skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE kif ukoll il-valwazzjoni skont il-kontijiet ta' ġestjoni tal-fergħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.02.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

1.87 Meta jintuża mudell intern parzjali, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-informazzjoni definita fil-paragrafi 1.87(g)-(n) ta' din il-Linja gwida tiġi rrapportata biss b'rabta mal-formula standard, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor abbażi tal-Linja gwida 49.

1.88 Meta jintuża mudell intern sħiħ, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-informazzjoni definita fil-paragrafi 1.87(g)-(n) ma tiġix irrappurtata.

1.89 Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor skont il-Linja gwida 48, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz, kull sena tippreżentalha, fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat, l-informazzjoni li ġejja dwar kull portafoll ta' korrisondenza materjali, fejn applikabbli:

- a) il-formola SR.22.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-projezzjoni tal-flussi ta' flus kontanti futuri għall-kalkolu tal-aħjar stima għal kull portafoll tal-aġġustamenti ta' korrisondenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.22.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- b) il-formola SR.22.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni dwar il-portafolji ta' korrisondenza għal kull portafoll tal-aġġustamenti ta' korrisondenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.22.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

Linja gwida 48 - Rappurtar proporzjonali

1.90 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tikkunsidra li tillimita jew teżenta impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz minn kwalunkwe rekwiżit ta' rappurtar superviżorju regolari stabbilit fil-Linja gwida 44, 45, jew 47 meta s-sottomissjoni ta' dik l-informazzjoni tkun ta' piż eċċessiv meta mqabbel man-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tal-fergħa.

Linja gwida 49 - Mudell intern

1.91 Meta l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tkun qiegħda tuża mudell intern għall-kalkolu tal-RKS fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat tagħha, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-RKS nozzjonali għal kull fond delimitat materjali, portafoll ta' korrisondenza materjali u l-parti li tifdal, jiġi kkunsidrat mill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz meta tissottometti l-informazzjoni rilevanti identifikata fil-formoli S.25.02.01 u S.25.03.01, kif maqbul mal-awtorità kompetenti nazzjonali rispettiva.

Linja gwida 50 - Verifiki tad-data

1.92 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tikkonforma mar-regoli dwar il-validazzjonijiet, kif ippubblikati mill-EIOPA fis-sit web tagħha, meta tissottometti informazzjoni u data fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat tagħha.

Frekwenza u Dati ta' skadenza

Linja gwida 51 - Dati ta' skadenza għas-sottomissjoni tar-rapport superviżorju regolari

1.93 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tissottometti r-rapport superviżorju regolari fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat, imsemmi fil-Linja gwida 37, l-ewwel darba fir-rigward tas-sena finanzjarja li tintemm fit-30 ta' Ġunju 2016 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2017 u sa mhux aktar tard minn 14-il ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja rilevanti tal-impriża, u suċċessivament mill-anqas kull 3 snin.

Linja gwida 52 - Talba mill-awtorità superviżorja għas-sottomissjoni tar-rapport superviżorju regolari

1.94 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tiddeċiedi, wara li tikkunsidra l-Linja gwida 51, dwar il-frekwenza għas-sottomissjoni tar-rapport superviżorju regolari mill-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat tagħha.

Linja gwida 53 - Rapport superviżorju regolari fil-qosor

1.95 Fejn l-awtorità superviżorja ospitanti ma tkunx teħtieġ, skont il-Linja gwida 51 u 52, li jiġi sottomess rapport superviżorju regolari dwar l-operazzjonijiet tal-fergħat fir-rigward ta' sena finanzjarja, hija għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz xorta waħda tippreżentalha rapport superviżorju regolari fil-qosor li jispeċifika l-bidliet materjali kollha li jkunu seħħew fir-rigward tan-negozju u l-prestazzjoni, is-sistema ta' governanza, il-profil tar-riskju, il-valwazzjoni għal skopijiet ta' solvenza u l-ġestjoni tal-kapital fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat matul il-perjodu tar-rappurtar, u jipprovdi spjegazzjoni konċiża dwar il-kawżi u l-effetti ta' tali bidliet. L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tissottometti r-rapport superviżorju regolari fil-qosor fir-rigward tas-snin finanzjarji u fi żmien il-perjodi msemmija fil-Linja gwida 51.

Linja gwida 54 - Dati ta' skadenza għas-sottomissjoni tar-rapport superviżorju tal-ORSA

1.96 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha r-rapport superviżorju tal-ORSA fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-fergħat tagħha fi żmien ġimagħtejn wara li tiġi konkluzja l-valutazzjoni rilevanti tar-riskju proprju u s-solvenza.

Linja gwida 55 - Dati ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-formoli kwantitattivi annwali

1.97 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha l-formoli kwantitattivi annwali rilevanti msemmija fil-Linji gwida 44 u 47 sa mhux aktar tard minn 14-il ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja rilevanti tal-impriża.

Linja gwida 56 - Dati ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-formoli kwantitattivi trimestrali

1.98 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha l-formoli kwantitattivi trimestrali rilevanti msemmija fil-Linji gwida 45 sa mhux aktar tard minn 5 ġimgħat wara t-tmiem tal-kwart rilevanti.

Arranġamenti tranżitorji

Linja gwida 57 - Rekwiżiti ta' informazzjoni tranżitorji

1.99 Fir-rigward tal-ewwel sena ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassicura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha l-informazzjoni li ġejja, li d-data ta' referenza għaliha għandha tkun l-ewwel jum tas-sena finanzjarja tal-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz li tibda fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Lulju 2016:

- a) il-formola S.01.01.09 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika l-kontenut tas-sottomissjoni li tiddettalja l-informazzjoni ppreżentata f'kull data ta' sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- b) il-formola S.01.02.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni bażika dwar il-fergħa u l-kontenut tar-rappurtar b'mod ġenerali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.02 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- c) il-formola S.01.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika informazzjoni bażika dwar il-fondi delimitati u l-portafolji tal-aġġustamenti ta' korrispondenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.01.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- d) il-formola S.02.01.08 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni tal-karta bilanċjali billi jintużaw kemm il-valwazzjoni skont l-artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE kif ukoll il-valwazzjoni fil-valur tal-kontijiet ta' ġestjoni tal-fergħa għall-operazzjonijiet tal-fergħat, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.02.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- e) il-formola S.23.01.07 tal-Anness III għal dawn il-Linji gwida, li tispeċifika informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.23.01 tal-Anness IV għal dawn il-Linji gwida;
- f) il-formola S.25.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispeċifika l-RKS għall-fergħat li jużaw il-formula standard, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.01 tal-Anness II għall-Istandard

Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

- g) il-formola S.25.02.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega l-RKS għall-fergħat li jużaw il-formula standard u mudell intern parzjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- h) il-formola S.25.03.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega l-RKS għall-fergħat li jużaw mudell intern sħiħ, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.25.03 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- i) il-formola S.28.01.01 tal-Anness I għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni, li tispjega l-RKM għall-fergħat involuti biss f'attività ta' assigurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni tal-ħajja jew mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.28.01 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;
- j) il-formola S.28.02.01 tal-Anness I, li tispjega l-RKM għall-fergħat involuti kemm f'attività ta' assigurazzjoni kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-formola S.28.02 tal-Anness II għall-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Formoli għas-Sottomissjoni ta' Informazzjoni;

1.100 Fir-rigward tal-ewwel sena tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassiġura li l-imprezza tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha wkoll, separatament għal kull klassi materjali ta' assi tal-fergħa u obbligazzjonijiet tal-fergħa, spjegazzjoni kwalitattiva tad-differenzi prinċipali bejn iċ-ċifri rrapportati fil-valwazzjoni tal-ftuħ u dawk ikkalkulati skont ir-reġim ta' solvenza li kien hemm fis-seħħ qabel.

Linja gwida 58 - Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni tranżitorji

1.101 L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassiġura li l-imprezza tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha l-informazzjoni skont il-Linja gwida 57 sa mhux aktar tard minn 20 ġimgħa wara d-data ta' referenza msemmija fil-Linja gwida.

Linja gwida 59 - Data ta' skadenza tranżitorja għas-sottomissjoni tar-rapport superviżorju regolari

1.102 Fl-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE, meta l-awtorità superviżorja ospitanti tkun teħtieġ, skont il-Linja gwida 52, is-sottomissjoni ta' rapport superviżorju regolari dwar l-operazzjonijiet tal-

fergħat ta' impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz f'sena finanzjarja, dik l-awtorità għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tissottometti dak ir-rapport fi żmien il-perjodi li ġejjin:

- a) għar-rapport superviżorju regolari fir-rigward ta' operazzjonijiet tal-fergħat relatati mas-sena finanzjarja li tintemm fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2017, sa mhux aktar tard minn 20 ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża;
- b) għar-rapport superviżorju regolari fir-rigward ta' operazzjonijiet tal-fergħat relatati mas-sena finanzjarja li tintemm fl-1 ta' Jannar 2017 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2018, sa mhux aktar tard minn 18-il ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża;
- c) għar-rapport superviżorju regolari fir-rigward ta' operazzjonijiet tal-fergħat relatati ma' snin finanzjarji li jintemmu fl-1 ta' Jannar 2017 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2018, sa mhux aktar tard minn 16-il ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża;

Linja gwida 60 - Data ta' skadenza tranżitorja għas-sottomissjoni tal-formoli kwantitattivi annwali

1.103 Fl-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha wkoll, il-formoli kwantitattivi annwali rilevanti msemmija fil-Linja gwida 44 fi żmien il-perjodi li ġejjin:

- a) għall-formoli kwantitattivi annwali relatati mas-sena finanzjarja tal-impriża, li tintemm fit-30 ta' Ġunju 2016 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2017, sa mhux aktar tard minn 20 ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża;
- b) għall-formoli kwantitattivi annwali relatati mas-sena finanzjarja tal-impriża, li tintemm fl-1 ta' Jannar 2017 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2018, sa mhux aktar tard minn 18-il ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża;
- c) għall-formoli kwantitattivi annwali relatati mas-sena finanzjarja tal-impriża, li tintemm fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2019, sa mhux aktar tard minn 16-il ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża;

Linja gwida 61 - Dati ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-formoli kwantitattivi trimestrali

1.104 Fl-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità superviżorja ospitanti għandha tassigura li l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tippreżentalha wkoll, il-formoli kwantitattivi trimestrali rilevanti msemmija fil-Linja gwida 45 fi żmien il-perjodi li ġejjin:

- a) għall-formoli kwantitattivi trimestrali relatati ma' kwalunkwe trimestru li jintemm fl-1 ta' Settembru 2016 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2017, sa mhux aktar tard minn 8 ġimgħat wara t-tmiem tat-trimestru;

- b) għall-formoli kwantitattivi trimestrali relatati ma' kwalunkwe trimestru li jintemm fl-1 ta' Jannar 2017 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2018, sa mhux aktar tard minn 7 ġimgħat wara t-tmiem tat-trimestru;
- c) għall-formoli kwantitattivi trimestrali relatati ma' kwalunkwe trimestru li jintemm fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara, iżda qabel l-1 ta' Jannar 2019, sa mhux aktar tard minn 6 ġimgħat wara t-tmiem tat-trimestru.

Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

- 1.105 Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.106 L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.107 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.108 Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u għandhom jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjonijiet

- 1.109 Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu suġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.